

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Settembru 2011 — Whitehead vs Il-Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża F-98/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Proċedura ta' reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonusijiet — Sena finanzjarja 2008 — Proċedura annwali ta' evalwazzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni — Konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Persunal — Teħid inkunsiderazzjoni tal-leave tal-mard — Iffissar tal-għanijiet)

(2011/C 340/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sarah Whitehead (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: inizjalment rappreżentat minn F. Feyerbacher u G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat, sussegwentement minn E. Carlini u G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Fl-ewwel lok, it-talba tar-rikorrenti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE li tingħatalha żieda fis-salarju ta' żewġ punti, fil-kuntest tal-Annual salary and Bonus Review għas-sena 2008, kif ukoll li tiġi rimborsata d-differenza bejn iż-żieda fis-salarju li rċeviet u dik li għaliha tallega li għandha dritt. Fit-tieni lok, it-talba intiża għall-kumpens għad-danni morali subiti.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) S. Whitehead għandha tbat i-ispejjeż tagħha u dawk tal-Bank Ċentrali Ewropew.

⁽¹⁾ ĠU C 24, 30.01.2010, p. 82.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Settembru 2011 — AA vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-101/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Ħatra — Membri tal-persunal temporanju maħtura uffiċjali — Klassifikazzjoni fi grad — Eżekuzzjoni ta' res judicata — Telf ta' possibbiltà)

(2011/C 340/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: AA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati, sussegwentement K. Van Maldegem, C. Mereu u M. Velardo, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Talba intiża għall-annullament tad-deċiżjoni li tikklassifika lir-rikorrenti fil-grad AD6, skala 2 u li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas kumpens għad-dannu kkawżat lir-rikorrent.

Dispożittiv

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lir-rikorrent, minħabba dannu materjali li ġie kkawżat qabel ma nġatat is-sentenza preżenti, somma ekwiparabbli għad-differenza bejn, minn naħa, ir-remunerazzjoni mingħajr kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali u taxxi li kienet tkun tiegħu kieku ġie rreklutat bħala uffiċjal fil-grad intermedjarju A*6 fl-1 ta' Awwissu 2004 u li, konsegwentement, il-karriera tiegħu żvolġiet skont il-progress ta' skala previst mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u skont it-tul medju li uffiċjal għamel f'kull grad, kif jirriżulta mill-Anness I(b) tar-Regolamenti tal-Persunal u, min-naħa l-oħra, ir-remunerazzjoni mingħajr kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali u taxxi li r-rikorrent iċieva bejn l-1 ta' Awwissu 2004 u d-data ta' meta nġatat is-sentenza preżenti, għall-ewwel fil-kwalità tiegħu ta' uffiċjal nazzjonali, sussegwentement, b'effett mill-15 ta' Marzu 2009, fil-kwalità tiegħu ta' uffiċjal tal-Unjoni Ewropea, differenza li fir-rigward tagħha għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 0.8.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 120 000 bħala dannu materjali li ġie kkawżat wara li nġatat is-sentenza preżenti.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' somom li l-ħlas tagħhom diġà skada u li huma dovuti bl-eżekuzzjoni tas-sentenza preżenti, flimkien ma' interessi moratorji, ikkalkolati b'effett mid-dati li fihom l-imsemmija somom kienu rispettivament dovuti, u fil-każ li dawn id-dati jippreċedu l-15 ta' Marzu 2009, b'effett minn din id-data. Dawn l-interessi għandhom jiġu kkalkolati, sad-data tal-ħlas effettiv, birrata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid u applikabbli matul il-perjodu kkonċernat, miżjuda b' żewġ punti.
- (4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' EUR 2 000 bħala kumpens għal dannu morali.
- (5) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (6) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha u żewġ terzi tal-ispejjeż tar-rikorrent.
- (7) Ir-rikorrent għandu jbat i-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 13.03.10, p. 52.